MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 970/2009

Zammit Trading Limited (C 5571)

Vs

Marc Nurton (Id. 311867M) u martu Johanna Nurton (Id. 95868M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u disa u disghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,299.98), import ta' zewg 'cheques' bankarji datati rispettivament 10 ta' Gunju 2009 u 17 ta' Gunju 2009, bin-numri rispettivi BOV 1005 u BOV 1006, emessi mill-konvenut a favur is-socjeta' attrici, u li ma gewx onorati. Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalmentipprezentat u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Johanna Nurton li eccepiet illi t-talbiet attrici in kwantu hekk kif diretti kontra taghha ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici stante li (i) il-konvenuta ma hi bl-ebda mod responsabbli ghall-ammont mitlub fl-Avviz odjern stante li bejn il-konjugi konvenuti kien sar kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Rosario Bonello datat 28 ta' Jannar 2008; (ii) illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (iii) illi minghajr pregudizzju ghall-premess tirrileva li qatt ma giet interpellata mis-socjeta' attrici kif qed jigi allegat fl-Avviz odjern. Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra r-risposta tal-konvenut Marc Nurton li ecepixxa (i) illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; (ii) illi l-konvenut Marc Nurton qatt ma kien debitur tas-socjeta' attrici izda s-socjeta' PMN International Limited kellha relazzjoni mas-socjeta' attrici. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Joe Borg Cardona prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-affidavit ta' Leonard Zammit prodott mis-socjeta' attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju 2010.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi in kwantu jirrigwarda l-mertu tal-kawza odjerna, s-socjeta' attrici pproduciet bhala provi taghha, kopji ta' zewg cekkijiet tal-konvenut indirizzati lis-socjeta' attrici ghall-ammont pretiz, kif ukoll ix-xhieda Joe Borg Cardona,

in rapprezentanza tal-Bank of Valletta, u Leonard Zammit bhala direttur tal-istess socjeta’ attrici.

Ix-xhud Borg Cardona kkonferma li dawn iz-zewg cekkijiet fuq imsemmija kienu cekkijiet mahrugin fuq il-kont kurrenti personali tal-konvenut, u li t-tnejn li huma kienu gew ‘*referred to drawer’* u ghalhekk ma kienux gew onorati.

Ix-xhud Leonard Zammit, fl-affidavit tieghu spjega fil-qosor li s-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ PMN International Limited li taghha l-konvenut Marc Nurton huwa direttur u azzjonist, u li gjaladarba l-istess konvenut ghogbu jhallas dan il-kreditu permezz ta’ cekkijiet personali tieghu, inholqot relazzjoni diretta bejnu u s-socjeta’ attrici. Hu spjega li dawn ic-cekkijiet pero qatt ma gew onorati u li sa llum l-ammont dovut ghadu pendenti. Hu spjega wkoll li meta giet ipprezentata l-kawza ma kien hemm xejn x’jindika lis-socjeta’ attrici li l-partijiet kienu separati, tant hu hekk li l-konvenut dejjem gie notifikat fl-istess indirizz fej toqoghod il-konvenuta, u dejjem baqa jidher li kien qieghed jirrisjedi fl-istess indirizz bhal martu.

Illi l-konvenut Marc Nurton ma pproduca l-ebda prova kwalsiasi in sostenn ta’ l-eccezzjonijiet tieghu, jew sabiex jirribatti dak allegat mis-socjeta’ attrici alavolja inghata l-opportunita’ sabiex jaghmel hekk.

Illi fir-rigward tal-konvenuta Johanna Nurton, kien sar verbal waqt is-seduta tal-10 ta’ Gunju 2010, fejn is-socjeta’ attrici tramite d-difensur taghha kien ivverbalizza li kien hemm qbil li l-konvenuta Johanna Nurton kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li fil-mument meta nhargu c-cekkijiet in kwistjoni, l-konvenuti kienu separati legalment u ghalhekk il-konvenuta ma hijiex responsabbli ghad-dejn dovut lis-socjeta’ attrici. In kwantu l-ispejjes tal-kawza relatati mal-konvenuta pero, s-socjeta’ attrici ddikjarat li m’ghandhiex tbaghtihom hi, peress li xejn ma kien jindika li l-partijiet kienu separati u li l-konvenut kien qed jabita band’ohra.

Illi l-konvenut la gab xi provi u lanqas ma ghamel xi sottomissjonijiet fir-rigward ta' min ghandu jbaghti l-ispejjes tal-kawza tal-konvenuta.

Illi tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li fir-rigward tal-mertu gie ampjament ippruvat li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, filwaqt li l-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-rigward tal-ispejjes tal-kawza dawn ukoll ghandhom jigu ssopportati kollha kemm huma mill-konvenut in kwantu s-socjeta' attrici kienet altru milli gustifikata meta deherilha li ghandha tharrek il-konvenuta bhala l-mara tal-konvenut, u anki peress li l-istess socjeta' attrici ma kellha l-ebda indikazzjoni li l-konvenut kien qieghed jabita f'indirizz differenti minn dak tal-konvenuta.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi (i) jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Marc Nurton; (ii) jilqa t-talba attrici limitatament fil-konfront tal-konvenut Marc Nurton, u jikkundanna l-istess konvenut ihallas is-socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn u disa u disghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,299.98) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz; (iii) jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Johanna Nurton u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju; (iv) l-ispejjes kollha tal-kawza kif mitlub fl-Avviz, inkluzi dawk tal-konvenuta Johanna Nurton ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut Marc Nurton.

**Avv. Veronica W. Galea Debono.**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------